HOUSING AUTHORITY

**SHA**

# Applikazzjoni għal Akkomodazzjoni Soċjali

## TWISSIJA

> L-applikazzjoni tiġi milqugħa biss jekk tkun mimlija kollha, jiġu sottomessi dawn id-dokumenti u tkun iffirmata minn kull applikant.

## Dokumenti meħtieġa

1. Fotokopja miż-żewġ naħat tal-karta tal-identità valida ta' kull applikant u ta' wliedu li jgħixu miegħu u ta' kull persuna li tgħix fl-istess residenza. Tista tingħata kopja tal-passaport jekk il-karta tal-identità mhux disponibbli;
2. F'każ ta' persuna separata / divorzjata / annullata, kopja tad-deċiżjoni finali ta' qorti kompetenti li tippronunzja l-firda jew kopja tal-att pubbliku li jagħti effett lill-firda taż-żwieġ jew unjoni ċivili;
3. FS3 tal-applikant/i għas-sena kalendarja preċedenti għad-data tal-applikazzjoni. F'każ ta' applikanti li ma ħadmux matul is-sena preċedenti jew parti minnha, dokument mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali li juri jekk irċevewx għajnuna soċjali u d-dħul mill-għajnuna mogħtija. Dan id-dokument jista jintalab mill-Awtorità tad-Djar. F'każ ta' applikanti self-employed, profit and loss account iffirmat minnhom u balance sheet jekk applikabbli. F'każ ta' pensjonanti, dokument/i li juru d-dħul kollu tagħhom;
4. Ċertifikat/i ta' tabib dwar nuqqas ta' mobiltà u / jew karta tal-identità maħruġa mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità;
5. Ċertifikat/i ta' perit dwar strutturi perikolużi;
6. F'każ ta' applikanti li jgħixu f'fond mikri, kopja tal-ftehim tal-kirja u rċevuta tal-aħħar kera fuq il-post jew kopja taċ-ċedola jekk il-kera qiegħda tiġi mħallsa l-qorti. F'dan il-każ trid tiġi sottomessa dikjarazzjoni sabiex tispjega għalfejn il-kera qed titħallas permezz ta' ċedola. Il-kuntratt tal-kera mhux meħtieġ jekk il-proprjetà ġiet mikrija qabel Ġunju 1995;
7. F'każ ta' applikanti li jgħixu f'fond proprjetà ta' terzi mingħajr ma jħallsu kera (b'tolleranza), kopja tal-kuntratt/i li jindikaw min huma s-sidien tal-proprjetà kif ukoll dikjarazzjoni mingħand l-istess sidien li mhux qed jintalab kumpens għall-okkupazzjoni u li qiegħdin jittolleraw l-okkupazzjoni tal-applikant/i.
8. Rapporti ta' *social worker*, Pulizija jew dokumenti oħra li jippruvaw il-mertu tal-applikazzjoni

## TAQSIMA 1 – INFORMAZZJONI PERSONALI DWAR L-APPLIKANT/I

a) **Applikant 1**

Isem u Kunjom: ______________________________

Data tat-twelid: ______________ Numru tal-karta tal-identità: ______________

Telefon / Mowbajl: ______________ Ijmejl: ______________________

b) **Applikant 2**

Isem u Kunjom: ______________________________

Data tat-twelid: ______________ Numru tal-karta tal-identità: ______________

Telefon / Mowbajl: ______________ Ijmejl: ______________________

ċ) **Indirizz ta' Applikant 1 u 2**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**Informazzjoni oħra -** Ikteb id-dati **KOLLHA** li huma relevanti

d) Stat tar-relazzjoni

Data taż-żwieġ / unjoni ċivili: ______________________

Data tas-separazzjoni: ______________________

Data tad-divorzju / annullament: ______________________

Data tal-mewt tal-mara / raġel: ______________________

Isem l-mara / raġel: (Jekk armel / armla) ______________________

## TAQSIMA 2 – PREFERENZA TA' BELT / RAĦAL

JISTA JIĠI OFFRUT POST F'LOKALITÀ DIFFERENTI

L-ewwel preferenza: ______________________

It-tieni preferenza: ______________________

It-tielet preferenza: ______________________

## TAQSIMA 3 - DETTALJI DWAR IL-PERSUNI KOLLHA LI JOQOGĦDU FL-INDIRIZZ F'SEZZJONI 1, INKLUŻ L-APPLIKANT/I.

Immarka b' "X" il-persuni kollha li bi ħsiebhom imorru jabitaw fl-akkomodazzjoni alternattiva mitluba.

| Kunjom | Isem | Sess | Ġeneru | Numru tal-karta tal-identità | Kif jiġi mill-applikant/i | Data tat-twelid | Impjieg | Immarka 'X' Ara n-nota hawn fuq |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |

Problema' ta' mobilità - Meħtieġ ċertifikat mediku Iva / Le

Isem ta' min ibagħti b'nuqqas ta' mobiltà ______________________

Numru mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità ______________________

## TAQSIMA 4 - DETTALJI DWAR IL-PROPJETÀ FEJN TGĦIX/U BĦALISSA

Il-post jikkonsisti f':

Immarka b' "X" il-kaxxa applikabbli.

Dar ☐ Maisonnette ☐ Appartament ☐ Kamra waħda ☐ Garaxx ☐

Shared Space ☐ Kantina ☐ Tip ieħor: ______________________

Il-proprjetà hija aċċessibli b'lift Iva / Le

Numru ta' taraġ sabiex taċċessa l-proprjetà (jew il-lift) ______________________

Stat ta' Periklu – Meħtieġ ċertifikat ta' Perit Iva / Le

## TAQSIMA 5 - DETTALJI DWAR IL-PUSSESS TAL-PROPJETÀ

**Applikazzjonijiet minn squatters ma jiġux aċċettati.**

Immarka b' "X" il-kaxxa applikabbli.

☐ Proprjetà mikrija mingħand il-Gvern / Awtorità tad-Djar
☐ Proprjetà mikrija mingħand Terzi – L-applikant/i huma inkwilin/i rikonoxxuti
☐ Proprjetà ta' Terzi suġġetta għal ċens temporanju favur l-applikant/i
☐ Proprjetà ta' Terzi – L-applikant/i jgħixu fir-residenza bil-kunsens miktub tas-sid
☐ Proprjetà ta' l-Applikant/i
☐ Tip ieħor. Trid tingħata spjegazzjoni akkumpanjata b'dokumentazzjoni.

Kemm ilek/ilkom toqogħd/u fir-residenza ______________________

Data meta ġie ffirmat il-kuntratt tal-kera / ċens temporanju* ______________________

*F'każ ta' kirja / ċens irregolati b'Kapitlu 69, 125 jew 158 tal-Liġi (kirjiet antiki) huwa biżżejjed li jitniżżel qabel Ġunju 1995.

Kera mħallsa fis-sena ______________________

## TAQSIMA 6 - ELIĠIBILITÀ

Applikazzjoni għal Akkomodazzjoni Soċjali tista tiġi sottomessa biss jekk jintlaħqu dawn il-kriterji.

1. Wieħed mill-applikanti huwa ċittadin tal-Unjoni Ewropeja (inkluż Malta) jew għandu status ta' refuġjat u għex Malta għal tal-anqas 12-il xahar konsekuttiv matul l-aħħar 18-il xahar;
2. F'każ ta' koppja miżżewġa jew żewġ persuni msieħba f'Unjoni Ċivili skond l-Att Dwar l-Unjoni Ċivili u li mhumiex legalment separati l-applikazzjoni trid issir miż-żewġ partijiet flimkien.Għal raġunijiet legali, applikazzjonijet individwali minn persuni separati bona fide de facto ma jistgħux jiġu milqugħa.
3. L-applikant/i ma kellux / kellhomx assi kapitali ta' aktar minn €28,000 matul l-aħħar tliet snin qabel id-data tal-applikazzjoni.
4. Id-dħul tal-applikanti matul is-sena preċedenti ma kienx ta' iktar minn :
   - €10,000* f'każ ta' persuna waħidha.
   - €12,000* f'każ ta' ġenitur wieħed jew koppja miżżewġa jew aħwa jgħixu flimkien.

   Dan l-ammont jiżdied b'€700 għall kull wild taħt it-tmintax il-sena.

* Dħul minn Assistenza għall-Mard (SKA), Benefiċju tal-Enerġija (EB) u Children's Allowance (CA), jiġi eskluż minn dan l-ammont.

## TAQSIMA 7 - RAĠUNI GĦALFEJN QED ISSIR IT-TALBA GĦAL AKKOMODAZZJONI ALTERNATTIVA U DIKJARAZZJONI

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

Jien / aħna hawn taħt iffirmat/i niddikjara/w li t-tagħrif mogħti f'din l-applikazzjoni huwa sħiħ u korrett. Nifhem / nifhmu li jekk jirriżulta li l-informazzjoni hija skorretta jew mhux kompluta l-applikazzjoni tiġi skwalifikata. Niddikjara/w ukoll li jien/aħna eleġibbli għal akkomodazzjoni alternattiva skond il-kriterji indikat/i f'sezzjoni 6 u li qrajna u fhimna sezzjoni 8 dwar l-ipproċessar u l-privatezza tal-informazzjoni mogħtija f'din l-applikazzjoni. Niddikjara/w ukoll li naf/u bil-multi kontemplati fl-Att Dwar l-Awtorità tad-Djar għal talbiet għal għajnuna msejsa fuq informazzjoni qarrieqa.

| | |
|---|---|
| __________________ | __________________ |
| Firma tal-applikant/a | Firma tal-applikant/a |
| __________________ | __________________ |
| Isem sħiħ | Isem sħiħ |
| __________________ | |
| Data | |

## TAQSIMA 8 - POLITIKA GĦALL-PROTEZZJONI U PRIVATEZZA TAD-DATA

Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (UE) 2016/679 u l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data (Cap. 586) jirregolaw l-ipproċessar tad-data persunali kemm dik miżmuma elettronikament u kif ukoll manwalment. L-Awtorità hija konformi mal-Prinċipji tal-Protezzjoni tad-Data kif stipulati fil-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data.

**Għan għall-ġbir tad-data**
L-Awtorità iżżomm l-informazzjoni li tingħata fl-applikazzjoni skont il-liġi/liġijiet li taħthom l-Awtorità tiġbor l-informazzjoni. L-informazzjoni li tiġbor mill-klijenti, l-Awtorità tużaha biex tipproċessa l- applikazzjonijiet għall-akkomodazzjoni alternativa u biex ittejjeb is-servizzi li toffri lil klijenti tagħha. L-Awtorità ma għandiex obbligu tagħti informazzjoni lil terzi persuni mingħajr l-kunsens tal-applikant, sakemm ir-riċevituri mhumiex dipartimenti msemmiha hawn taħt.

**Riċevituri tad-data**
L-informazzjoni li tinġabar minn din l-Awtorità tista' tingħata lill-Dipartimenti oħra tal-Gvern, fosthom: id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, id-Dipartiment tar-Reġistru Pubbliku, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, id-Dipartiment tal-Liċenzji u l-Uffiċċju ta' Trading Licences, kif ukoll istituzzjonijiet finanzjarji u korpi parastatali bħal JobsPlus.

**Id-drittijiet tiegħek**
Tkun intitolat li tkun taf, mingħajr ħlas, x'tip ta' informazzjoni l-Awtorità għandha u li tipproċessa dwarek u għaliex, min għandu aċċess għaliha, kif inhi miżmuma u kif inhi aġġornata, kemm iddum miżmuma u x'qed tagħmel l-entità sabiex tikkonforma mal-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data. Il-GDPR tistabillixxi proċedura formali sabiex tittratta t-talbiet tal-persuna.

Kull persuna għandha d-dritt li taċċessa kull informazzjoni persunali miżmuma dwarha mill- Awtorità, kemm fuq kompjuter jew ġo fajls manwali. Talbiet minn persuna għall-aċċess dwar informazzjoni persunali dwarha jridu jsiru bil-miktub u mibgħuta lill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità (customer.care.ha@ha.gov.mt). Id-dettalji ta' identifikazzjoni bħalma huma n-numru tal-karta tal-idenita', l-isem u kunjom jridu jiġu sottomessi mat-talba għall-aċċess. F'każ li nifaċċjaw diffikulta dwar l-identita', tista' tiġi mitlub tippreżenta dokument ta' identifikazzjoni.

L-għan tal-Awtorità hija li tieħu azzjoni kemm jista' jkun malajr għat-talbiet dwar l-aċċess tal-informazzjoni personali u tassigura li tipprovdiha fi żmien raġonevoli u b'ebda każ mhux aktar tard minn xahar minn mindu nirċievu t-talba, sakemm ma jkunx hemm raġuni valida. Meta t-talba għall-aċċess ma tistax issir fi żmien raġonevoli, għandha tingħata raġuni bil-miktub lil min għamel it-talba.
Jekk ikun hemm xi ksur dwar id-data, il-persuna tkun infurmata. Kull persuna għandha d-dritt li titlob li l-informazzjoni dwarha tiġi emendata, mħassra jew ma tiġix użata jekk jirriżulta li l-informazzjoni mhux korretta. Jekk ma tħossokx sodisfatt bir-riżultat dwar it-talba għall-aċċess, tista' tirreferi l-ilment tiegħek lill-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data (idpc.info@gov.mt).

F'każ li l-applikant jirrifjuta li jissottometti l-informazzjoni personali li hi meħtieġa sabiex l-Awtorità tkun tista' tilqa' applikazzjoni għall-akkomodazzjoni alternattiva, l-Awtorità iżżomm id-dritt illi ma tilqax l-applikazzjoni tal-applikant/a. F'każ li l-applikant jkun jixtieq li l-informazzjoni dwaru tiġi mħassra, l-Awtorità iżżomm id-dritt illi twaqqaf is-servizz mogħti lil applikant/a.

**Politika taż-żamma**
L-informazzjoni personali tiegħek tinżamm għand l-Awtorità sakemm il-persuna tkun qed tuża is-servizz li għalih tkun applikat. F'każijiet legali l-Awtorità għandha d-dritt iżomm l-informazzjoni sakemm tinqata' s-sentenza legali.

Data li teħtieġ li tinqered wara l-perjodu taż-żmien imsemmi għandha tintrema b'mod effiċjenti biex jiġi żgurat li l-informazzjoni ma tibqax disponibbli għall-Awtorità.

**NOTI / INFORMAZZJONI OĦRA**

HOUSING AUTHORITY

Illum: ______________________________

Jiena hawn taħt iffirmat/a _________________________________ , bin/t _________________________________ u _____________________________ nee' ________________________ imwieled/imwielda______________________ u residenti______________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________________

bil-Karta tal-Identità numru______________________________________ kif ukoll ____________________________, bin/t ________________________ u _________________________________ nee'______________________________, imwieled/imwielda ______________________u residenti ____________________________________________________

___________________________________________________________________________________

bil-Karta tal-Identità numru__________________________, qed nagħti kunsens tiegħi/tagħna lill-:

- **Awtorità tad-Djar sabiex taċċessa l-*employment history* tiegħi/tagħna minn Jobsplus  għall-iskop ta' din l-applikazzjoni*;**
- **Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sabiex jagħti kull informazzjoni li huwa għandu fil-pussess tiegħu fuqi lill-Awtorità tad-Djar jekk din tagħmel it-talba bil-miktub u għal kull perjodu li jidhrilha l-istess Awtorità tad-Djar*;**
- **Malta *Financial & Services Authority* sabiex jagħtu kull informazzjoni rigward il-kumpaniji u s-soċjetajiet tiegħi lill-Awtorità tad-Djar jekk din tagħmel it-talba bil-miktub u dan għal kull perjodu li jidhrilha l-istess Awtorità tad-Djar*;**
- **Banek kollha lokali u esteri biex jagħtu kull informazzjoni rigward l-assi jew kontijiet tiegħi lill-Awtorità tad-Djar jekk din tagħmel it-talba bil-miktub u dan għal kull perjodu li jidhrilha l-istess Awtorità tad-Djar*;**
- **Entitajiet Governattivi kollha inklużi dawk lokali kif ukoll lill-Banek kollha sabiex jagħtu kull informazzjoni rigward il-kumpaniji u s-soċjetajiet tiegħi lill-Awtorità tad-Djar jekk din tagħmel it-talba bil-miktub u dan għal kull perjodu li jidhrilha l-istess Awtorità tad-Djar*;**
- **Awtorità tad-Djar biex isiru riċerki f'ismi. Għaldaqstant, naċċetta li nħallas l-ispejjeż inizjali dovuti minni u f'każ li l-ispejjeż ikunu iżjed jew inqas isir arranġament skont il-każ;**
  - **€15.85 għall-persuna li dejjem kellha l-istess isem / kunjom**
  - **€31.70 għall-persuna li f'xi żmien bidlet l-isem / kunjom.**

Għal dan il-għan jien hawn taħt iffirmat qed nagħti lill-istess Awtorità tad-Djar prokura speċjali biex f'ismi tiġbor l-informazzjoni indikata hawn fuq.

L-informazzjoni personali provduta fuq din l-applikazzjoni hija protetta u tintuża mill-Awtorita' tad-Djar għal dak neċessarju u leġittimu sabiex tiġi pproċessata l-applikazzjoni tiegħek.  Din l-informazzjoni personali se tiġi pproċessata skont l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap.586), ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) u l-liġijiet applikabli f'Malta li jidħlu fis-seħħ minn żmien għal żmien. Inti tista' teżerċita d-dritt ta' aċċess u verifika għall-informazzjoni personali miżmuma dwarek billi tagħmel talba bil-miktub fl-indirizz 22, Triq Pietro Floriani, Floriana FRN 1060.

**L-istess Awtorità tad-Djar ikollha jedd li minn żmien għal żmien titlob aġġornament ta' kull informazzjoni dwari mill-entitajiet indikati hawn fuq.*

Firma:________________________________ Firma: ________________________________

HOUSING AUTHORITY

# APPLICATION FOR COPY OF RETURN

Commissioner of Inland Revenue

Name of deceased: ______________________________

Date of transmission: ____________________ Return number: ____________________

**In term of Section 4(6) of the Death and Donation Act, 1973 and as declarant / Heir of the above name deceased in virtue of:**

______________________________

______________________________

*(State whether heir by law or by will/s. In the letter case all relevant details including number of article of will etc. should be given.)*

**I request a copy of the above return.**

**SIGNATURE OF APPLICANT:** ______________________________

Name in block letters: ______________________________

Identity card number: ______________________________

Address: ______________________________

## AUTHORISATION

**I, the undersigned authorise the Commissioner of Inland Revenue to furnish the Chairman of the Housing Authority with a copy of the return.**

**SIGNATURE OF APPLICANT:** ______________________________